MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## RAPHAEL FENECH ADAMI

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 481/2009

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Camilleri Marlon**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li gie prezentat fl-22 ta' Gunju tas-sena 2009 in forza ta' liema intalab sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' erba' mija u hdax-il ewro u sebgha u hamsin centezmu (€411.57) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut lis-socjeta' attrici in konnessjoni ma' servizzi lilu rezi fuq kontijiet marbutin ma' kuntratt bin-numru 1023737 ghax-xhur ta' bejn is-sena 2007 u s-sena 2008. Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali tat-30 Marzu, 2009 u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentat kontestwalment mal-Avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa' ma deherx ghas-seduta tal-lum, 25 ta' Settembru, 2009. Gie notat pero` illi permezz ta' nota prezenta fir-Registru fid-9 ta' Settembru, 2009, il-konvenut ipprezenta nota li permezz taghha huwa ammetta t-talbiet attrici.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi fuq ammissjoni tal-istess konvenut jiddikjara illi l-konvenut huwa debitur tas-socjeta' attrici fl-ammont mitlub fl-imsemmi Avviz u ghalhekk jikkundanna lill-istess konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma mitluba ta' erba' mija u hdax-il ewro u sebgha u hamsin centezmu (€411.57). Bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data tal-Ittra Ufficjali tat-30 Marzu, 2009 u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza a karigu tal-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------